**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 189/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Bartolo**

Illum il-ħamsa (5) ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Mario Bartolo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 69056(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur mis-16 ta' Novembru 2019 sat-8 ta' Frar 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Rita Bartolo

u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' April 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 8, 18, 31 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu xahar (1) priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' April 2022 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha 1. Tirrevoka a contrario imperio u tħassar in toto s-sentenza fuq ċitata mogħtija kontra l-appellant fl-imsemmija data u konsegwentement tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena; 2 Mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax (Alternattivament) jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2023 din il-Qorti laqgħet talba tal-appellant sabiex tistenna l-eżitu tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat** (Numru 179/2022/1) pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2023 din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat** (Numru 179/2022/1) quddiem il-Qorti Kostituzzjonali

kienu ġew fi tmiemhom u rat ukoll li fl-istess seduta din il-Qorti ċaħdet talba tal-appellant sabiex tissospendi dawn il-proċeduri minħabba li kien ġie ppreżentat Rikors Kostituzzjonali.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' April 2022. Għal kull buon fini għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant allura imputat kellu din il-kawża li kienet qed tinstema' flimkien ma' numru ta' kawżi oħra (kollha jirrigwardaw nuqqas ta' ħlas ta' manteniment) u li dakinhar tat-12 ta' April 2022 l-Ewwel Qorti tat sentenza fil-konfront tal-appellant allura imputat fil-kawżi in kwistjoni.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jgħid li l-aggravji tiegħu fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti huma s-segwenti:

- huwa naqas milli jħallas il-manteniment mhux b'kapriċċ jew sabiex jaħrab mill-obbligi tiegħu iżda minħabba ċ-ċirkostanzi ta' saħħa li għaddej minnhom;

- il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija eżaġerata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji mressqa mill-appellant u dwar dak mitlub minnu flimkien u dana peress li dawn huma konnessi.

Illi fl-ewwel talba tiegħu hekk kif imressqa fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob sabiex din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u sabiex konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena. Din il-Qorti tinnota li jirriżulta s-segwenti:

- mill-affidavit ta' WPC 329 Tiziana Azzopardi jirriżulta dak li ngħad mill-*parte civile* fir-rigward tal-manteniment għal perjodu ta' bejn is-16 ta' Novembru 2019 u t-8 ta' Frar 2020;

- mill-kuntratt ta' separazzjoni jirriżulta li l-appellant kien obbliga ruħu li jħallas is-somma ta' erba' mija u sitta u sittin Euro (€466) kull erba' ġimgħat bħala manteniment lil martu l-*parte civile*;

- il-*parte civile* Rita Bartolo qalet li ma kinitx tħallset il-manteniment dovut lilha għax-xhur imsemmija fl-imputazzjoni;

- l-appellant allura imputat xehed li huwa ma setax iħallas il-manteniment kollu f'daqqa lil *parte civile*;

- meta nstemgħu s-sottomissjonijiet (*a fol.* 21 *et seq.*) dwar ir-Rikors tal-appell quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-konsulent legali tal-appellant innifsu għaraf li l-manteniment kien dovut.

Illi minn dan kollu msemmi hawn fuq jirriżulta li l-Ewwel Qorti għamlet sew meta sabet lill-appellant allura imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u dana peress li mill-atti proċesswali jirriżulta li tali imputazzjoni ġiet sodisfaċentement pruvata.

Illi fis-sottomissjonijiet magħmula mill-konsulent legali tal-appellant quddiem din il-Qorti kif preseduta fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2023 ġie sottomess li l-appellant huwa fl-impossibilita' li jonora l-kuntratt fejn hemm imsemmi l-manteniment. Hu jiċċita b'approvazzjoni s-sentenza mogħtija fit-3 ta' Ġunju 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Galea**. Din il-Qorti ħadet ħsieb li ssib is-sentenza msemmija fil-ġurnata msemmija u rriżultalha li dakinhar tat-3 ta' Ġunju 2021 din il-Qorti diversament preseduta tat diversi sentenzi fir-rigward tal-istess persuna ossia Carmel Galea. Minn qari ta' dawn is-

sentenzi, fost liema din il-Qorti tagħmel riferenza għal dik bin-Numru 48/2021, din il-Qorti rriżultalha li dak ċitat quddiemha waqt is-sottomissjonijiet tal-konsulent legali tal-appellant mis-sentenza appellata kien ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta meta kienet qed telenka liema kienu l-aggravji tal-appellant f'dak l-appell. <u>Dak ċitat mill-konsulent legali tal-appellant waqt is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem din il-Qorti kien biss riproduzzjoni ta' dak li ngħad mill-appellant f'dak l-appell</u>! Għal kull buon fini jingħad ukoll li fis-sentenza in kwistjoni, din il-Qorti diversament preseduta kienet laqgħet l-appell tal-appellant f'dak il-każ **<u>mhux</u>** minħabba r-raġunijiet ossia l-aggravji tal-appellant f'dak il-każ pero' wara li l-Qorti kkunsidrat li l-appellant f'dak il-każ kien ħallas dak kollu dovut lil *parte civile*, waqt li semgħet lil *parte civile* kienet tħallset a saldu u li ma kellhiex aktar pretensjonijiet oħra fir-rigward ta' dik il-kawża u wara li l-istess *parte civile* rtirat ix-xhieda tagħha mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti u rrinunzjat għall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' żewġha l-appellant.

Illi fis-sottomissjonijiet mismugħa quddiem din il-Qorti kif preseduta, il-konsulent legali tal-appellant jgħid ukoll li sabiex ibiddel il-kuntratt ta' separazzjoni hemm proċeduri li huma twal. Jisħaq li l-appellant ser jagħmel għomru l-ħabs minħabba li hu għandu l-eta' li għandu u ma jistax iħallas il-manteniment lil martu u minħabba li hemm rapport kull xahar minħabba n-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment da parte tiegħu. Jisħaq ukoll li eżebixxa ċertifikati mediċi li juru s-saħħa prekarja tiegħu u li f'sena waħda ġie operat tliet darbiet, li neħħewlu parti minn siequ, li għandu problemi kbar taz-zokkor u li bilkemm jiflaħ jimxi u li qed jgħix ma' oħtu ġo appartament li jikrieh hu peress li l-post matrimonjali jinsab għand martu l-*parte civile*. Jgħid li qed jgħix bil-pensjoni.

Illi fir-rigward taċ-ċertifikati mediċi li l-konsulent legali tal-appellant jagħmel riferenza għalihom hekk kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti, filwaqt li din il-Qorti tista' b'xi mod jew ieħor tissimpatizza mal-appellant fir-rigward ta' dak li hemm fihom, tinnota li mill-atti proċesswali jidher li dawn kienu annessi

mar-Rikors Kostituzzjonali li l-appellant jgħid li ressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), liema Rikors ġie anness ma' Rikors li l-appellant ressaq quddiem din il-Qorti kif preseduta. Din il-Qorti żżid tgħid li dawn id-dokumenti kienu sempliċi fotokopji mingħajr anqas konferma li kienu verament kopja tal-oriġinal.

Illi fir-rigward ta' sentenzi oħra li l-konsulent legali tal-appellant jagħmel riferenza għalihom waqt is-sottomissjonijiet tiegħu, din il-Qorti tinnota li dawn ma tantx huma ta' rilevanza għal dan l-appell u dana peress li f'waħda minnhom (u ċioè dik mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud** (Numru 61/2014)) kien hemm dikjarazzjoni li l-manteniment kien tħallas (li mhuwiex bħal fil-każ odjern), fl-oħra (u ċioè dik mogħtija fit-23 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Debono** (Numru 81/2013)) kien hemm tnaqqis ta' xahar ta' priġunerija minn tliet xhur priġunerija biex b'hekk l-appellant f'dak il-każ ġie kkundannat xahrejn priġunerija. F'sentenza oħra msemmija mill-konsulent legali tal-appellant, li anqas ma hija ta' rilevanza għall-appell in eżami, u ċioè dik mogħtija fl-1 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Gafa'** (Numru 77/2010), din il-Qorti tinnota li fis-sentenza msemmija l-Qorti diversament preseduta nnutat li f'dak il-każ l-appellant ma qgħadx b'idejh fuq żaqqu u fittex ix-xogħol u nnutat ukoll li kien sar pagament u filwaqt li l-Ewwel Qorti lliberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar u ordnat li jħallas lil martu s-somma ta' ħames mija u tlettax-il Euro (€513) fi żmien xahrejn, il-Qorti tal-Appell illiberatu bla kondizzjoni.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li ħadet konjizzjoni tas-sentenza li saret riferenza għaliha mill-appellant wara li din il-Qorti kif preseduta semgħet is-sottomissjonijiet dwar l-appell tiegħu, liema sentenza ġiet mogħtija fit-12 ta' Lulju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Walter Borg et** (Numru 60/2007) (li tirrigwarda l-prinċipju ta' *ad impossibilia nemo tenetur*), din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għal sentenza li jidher li ngħatat fil-konfront tal-istess appellant f'dan il-każ minn din il-Qorti diversament preseduta u dana peress li n-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna kontra

min ingħatat huwa identiku għal dak tal-appellant f'dan il-każ. Is-sentenza ġiet mogħtija fis-27 ta' Novembru 2018 u ġġib l-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Bartolo** (Numru 293/2018). Fiha din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jgħid li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-manteniment ma għadux jgħodd u jorbot lill-partijiet peress illi l-i*status quo* tal-appellant illum inbidel tant li qiegħed jgħix bil-pensjoni u għalhekk id-dħul tiegħu naqas konsiderevolment. Jikkontendi li *una volta* il-kuntratt ta' separazzjoni ma jipprovdix għal din l-eventwalita' u ċioè kemm għandu iħallas l-appellant una volta jaqa' bil-pensjoni allura l-appellant għandu jiġi liberat mill-imputazzjoni.

[...]

**Ikkunsidrat**

Illi jirriżulta li minkejja li ma jidhirx li ngħata xi digriet dwar it-talba tal-appellant magħmula quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex jiġi varjat l-ammont ta' manteniment li l-appellant għandu iħallas lil martu Rita jidher li l-appellant qabad u ħa l-liġi b'idejh u ma għaddiex il-manteniment dovut għax-xhur ta' Marzu u April 2018 lill-kwerelanti.

[...]

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri**[1]" fejn għamlet riferenza għal sentenza oħra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Pul. vs. Anthony Saliba**[2], fejn ikun hemm kambjament fiċ-ċirkostanzi bħal każ ta' persuna li

[1] "Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002."
[2] "Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Mejju 1998."

tisfa' bla xogħol, dan ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, obbligu sanċit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li taħtu hu akkużat l-appellant.

Ir-rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utili lill-Qorti Ċivili kompetenti u għalhekk qabel ma ħareġ bil-pensjoni biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi *se mai* timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jħallas inqas jekk ikun il-każ. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas skont l-ewwel Digriet.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddeċieda li ma jħallas xejn aktar u għalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab ħati ġustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tiegħu u fil-fatt jidher mis-sentenza li ngħatat li fil-fatt kienet illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk lanqas piena ma tat fil-konfront tal-appellant.

Mill-banda l-oħra pero' għall-fini tal-piena din il-Qorti ma tistax tinjora li l-appellant kellu kull dritt jitlob mill-Qorti Ċivili kompetenti reviżjoni tal-ammont minnu pagabbli lill-martu qabel ma ħareġ bil-pensjoni u għalhekk it-talba messa saret qabel.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti w osservati skrupolożament.

> Għaldaqstant, din il-Qorti qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata."

Illi din il-Qorti ta' spiss tiġi rinfaċċjata b'persuni illi jgħidu illi mhumiex f'pożizzjoni illi jħallsu manteniment ordnat mill-Qorti jew skont obligazzjonijiet kuntrattwali għax jinstabu bla xogħol, morda jew minħabba xi impediment. F'kull okkażjoni din il-Qorti tagħmilha ċara illi hija mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi jekk persuna tkunx iddekadiet mid-dritt ta' manteniment kif stabbilit mill-Qorti jew kuntratt ta' manteniment. Bħal ma ngħad fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Debono** (Numru 81/2013) li ġiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza u li din il-Qorti issa qed tagħmel riferenza għaliha pero' mhux għar-raġuni msemmija mill-appellant waqt is-sottomissjonijiet finali tal-konsulent legali tiegħu, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Jekk din il-Qorti tħalli dan l-argument ireġġi faċli illi persuna b'dikjarazzjonijiet ġeneriċi li ma jistgħux jiġu verifikati jonqas minn obligazzjonijiet kuntrattwali jew li jobdi ordnijiet tal-Qorti. Din il-Qorti ma tistax tiġi wżata għal abbużi bħal dawn u dejjem uriet id iebsa għal min jonqos li jħallas il-manteniment kif dovut skont il-liġi. Fil-fatt fil-kawża **Il-Pulizija kontra Anthony Saliba** deċiża fil-15 ta' Lulju, 1998 intqal, *"...Jekk persuna ma tkunx tista' tħallas il-manteniment ordnat anki f'każ li persuna tisfa bla xogħol, dan ma jiskużahiex mill-obligu tagħha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Ċivili, obbligu sanċit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali illi taħtu hu akkużat l-appellant. Ir-rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjezzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjenti tali modifika, li jkun jista' jħallas anqas jekk ikun il-każ. Sakemm dana jsir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas skont l-ewwel digriet."* (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri**, 18 ta' Settembru, 2002)."

Illi hi x'inhi d-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti f'każ li l-appellant talab li l-manteniment dovut lill-*parte civile* jiġi mibdul bil-proċeduri appożiti, pero' id-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti ma tkunx retroattiva iżda mid-data tas-sentenza 'l quddiem u l-arretrati jridu jitħallsu. L-appellant ma jridx jinsa li l-obbligu ta' manteniment tiegħu huwa sanċit b'obbligazzjoni kuntrattwali. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-manteniment għall-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant ilu dovut ħafna u tinnota wkoll li minkejja t-trapass taż-żmien (kemm quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll quddiem din il-Qorti) huwa ma rax x'jagħmel sabiex iħallas lill-martu l-*parte civile* l-manteniment dovut lilha u b'hekk jittenta jbiddel is-sitwazzjoni favur tiegħu u dana għajr għal pagament jew tnejn li jkopri manteniment mhux mertu ta' dawn il-proċeduri li dwarhom qed tingħata din is-sentenza.

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu l-appellant jitlob li jiġi kkundannat iħallas multa flok jintbagħat il-ħabs minħabba n-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment da parte tiegħu. Din il-Qorti ma tistax tifhem dan ir-raġunament u dana peress li kien ikun aħjar kieku l-appellant iħallas il-manteniment lil *parte civile* milli jħallas multa!

Illi kif ingħad fis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alex Fenech** (Numru 80/2022), li din il-Qorti tagħmel tagħha, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi minkejja dan it-trapass ta' żmien, l-appellant baqa' inadempjenti. Issa, minkejja s-sentenzi ċitati mill-appellant, il-prinċipju regolatur jibqa' dak wisq drabi mfakkar minn din il-Qorti li bħala waħda ta' reviżjoni ma huwiex fil-mansjoni normali tagħha li tiddisturba d-diskrezzjoni eżercitata mill-Ewwel Qorti meta si tratta tal-piena erogata sakemm ma jkun hemm xejn li jiddimostra li dik il-piena kellha tkun anqas, jew aktar fil-każ ta' appell mill-Avukat Generali, minn dik erogabbli."

Illi din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tadopera l-miżura eċċezzjonali li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena u ma tara ebda rimedju ieħor li jista' b'xi mod iwassal lill-appellant li jara x'jagħmel u jsib il-mezzi biex jottempera ruħu. Huwa minnu li mill-ħabs il-*parte civile* mhijiex ser titħallas ta' dak dovut lilha iżda l-appellant ma jħalli l-ebda xelta lil din il-Qorti.

Illi minħabba dawn ir-raġunijiet kollha din il-Qorti mhijiex qed tilqa' l-argument dwar il-prinċipju ta' *ad impossibilia nemo tenetur* u anqas l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, liema aggravji qed jiġu miċħuda. B'hekk isegwi li r-Rikors tal-appell tal-appellant qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Mario Bartolo u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**